Sejħa għal proposti (Nru IX-2024/02)

"GĦOTJIET LILL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ"

(2023/C 230/11)

WERREJ

Paġna

A. INTRODUZZJONI U QAFAS ĠURIDIKU 149

B. L-OBJETTIV TAS-SEJĦA 150

C. L-ISKOP, IL-KATEGORIJA U L-FORMA TA' FINANZJAMENT 150

D. IL-BAĠIT DISPONIBBLI 150

E. IR-REKWIŻITI TA' AMMISSIBBILTÀ GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT 150

F. IL-KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT 151

F.1. IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI 151

F.2. IL-KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ 151

F.3. IL-KRITERJI TAL-GĦAŻLA 152

F.4. IL-KRITERJI TAD-DEĊIŻJONI TAL-GĦOTI U D-DISTRIBUZZJONI TAL-FINANZJAMENT 152

G. KONTROLL KONDIVIŻ MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-AWTORITÀ 152

H. TERMINI U KUNDIZZJONIJIET 152

I. SKEDA TA' ŻMIEN 153

J. ŻVELAR U PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI 154

K. INFORMAZZJONI OĦRA 154

ANNESS I - FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT 155

ANNESS II - FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT 156

ANNESS III - DIKJARAZZJONI DWAR IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI U DWAR IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI 157

ANNESS IV - FORMOLA TAL-BAĠIT STMAT 158

ANNESS V - DIKJARAZZJONI LI L-APPLIKAZZJONI TRESSQET PERMEZZ TA' PARTIT POLITIKU EWROPEW AFFILJAT 159

A. **INTRODUZZJONI U QAFAS ĠURIDIKU**

1. Skont l-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni".

2. F'konformità mal-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu r-regolamenti li jiggwidaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u partikolarment ir-regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([1]), kif emendat sussegwentement.

3. Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, fondazzjoni politika Ewropea hija "entità li tkun formalment affiljata ma' partit politiku Ewropew, li tkun irreġistrata mal-Awtorità skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u li permezz tal-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet u l-valuri fundamentali segwiti mill-Unjoni, issaħħaħ u tikkomplementa l-għanijiet tal-partit politiku Ewropew".

4. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, fondazzjoni politika Ewropea li tkun affiljata ma' partit politiku Ewropew eliġibbli li japplika għall-fondi taħt l-Artikolu 17(1) tar-regolament, li tkun irreġistrata skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u li ma tkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju, tista' tapplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal proposti.

5. Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew qed iniedi din is-sejħa għal proposti li għandha l-għan li jingħataw għotjiet lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ("is-sejħa").

6. Il-qafas legali bażiku huwa definit fl-atti legali li ġejjin:

   a) ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;

   b) id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([2]) ("id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019");

   c) ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]) ("ir-Regolament Finanzjarju");

   d) ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2401 tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([4]);

   e) ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2246 tat-3 ta' Diċembru 2015 dwar dispożizzjonijiet dettaljati għas-sistema tan-numri tar-reġistrazzjoni applikabbli għar-reġistru tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u għall-informazzjoni provduta permezz ta' estratti standard mir-reġistru ([5]);

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1. Ġew ippubblikati żewġ emendi, fil-ĠU L 114 I 4.5.2018 p. 1 u fil-ĠU L 85 I 27.3.2019 p. 7.
([2]) ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 333, 19.12.2015, p. 50.
([5]) ĠU L 318, 4.12.2015, p. 28.

f) ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ([6]).

Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta ([7]) (riformulazzjoni) għal regolament li jissostitwixxi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u proposta ([8]) għal regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku. Id-data tal-adozzjoni ta' dawn l-atti mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew mhijiex magħrufa. Madankollu, id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe regolament ġdid jista' jeħtieġ rettifika teknika għal din is-sejħa.

B. **L-OBJETTIV TAS-SEJĦA**

7. L-objettiv ta' din is-sejħa huwa li l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej irreġistrati jiġu mistiedna jissottomettu applikazzjonijiet għal finanzjament mill-baġit tal-Unjoni ("applikazzjonijiet għal finanzjament") u li tiġi ddeterminata n-natura tal-kostijiet eliġibbli skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 1141/2014 u l-Artikolu 205(2) tar-Regolament Finanzjarju.

C. **L-ISKOP, IL-KATEGORIJA U L-FORMA TA' FINANZJAMENT**

8. L-iskop tal-finanzjament huwa li jappoġġa l-programm ta' ħidma tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' għotja li għandu jiġi konkluż bejn il-fondazzjoni politika Ewropea benefiċjarja u l-Parlament Ewropew.

9. Il-kategorija tal-finanzjament huwa l-għotja lil fondazzjonijiet politiċi Ewropej, skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju ("għotja"). L-għotja tieħu l-forma ta' rimborż ta' perċentwal tal-kostijiet eliġibbli mġarrba.

10. L-ammont massimu mħallas lill-benefiċjarju mill-Parlament Ewropew la għandu jaqbeż il-95 % tal-kostijiet eliġibbli indikati fil-baġit stmat u lanqas il-95 % tal-kostijiet eliġibbli mġarrba.

D. **IL-BAĠIT DISPONIBBLI**

11. Il-finanzjament previst għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 403 tal-baġit tal-Parlament Ewropew "Finanzjament tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej" jammonta għal EUR 24 000 000 kif adottat mill-Parlament Ewropew fl-abbozz ta' estimi tiegħu. L-approprjazzjonijiet disponibbli li għandhom jitqassmu se jiġu stabbiliti mill-awtorità tal-baġit fil-baġit finali approvat għas-sena 2024.

E. **IR-REKWIŻITI TA' AMMISSIBBILTÀ GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT**

12. L-applikazzjonijiet għal finanzjament ikunu ammissibbli jekk:

a) jitressqu bil-miktub bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni annessa ma' din is-sejħa, inklużi d-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa hemmhekk;

b) jinkludu l-impenn, espress bil-miktub permezz tal-iffirmar tal-formola ta' dikjarazzjoni annessa ma' din is-sejħa, li l-applikant jaqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet kif ukoll il-kriterji ta' esklużjoni speċifikati fl-Anness 1b tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019;

c) ikun fihom ittra ta' rappreżentant(i) legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali f'isem l-applikant;

d) jintbagħtu lill-President tal-Parlament Ewropew sat-**30 ta' Settembru 2023**, preferibbilment bħala kopja elettronika jew bħala oriġinali elettronika (b'firma elettronika kwalifikata[1]) lill-indirizz elettroniku funzjonali li ġej: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu. Id-dokumenti ġustifikattivi (speċjalment it-tabelli) għandhom jiġu ppreżentati f'format li jista' jiġi editjat, preferibbilment f'Excel.

([6]) Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ta' April 2023.
([7]) COM(2021) 734 final 2021/0375 (COD)
([8]) COM(2021) 731 final 2021/0381 (COD)

Meta tkun meħtieġa firma, din għandha tkun jew firma bl-idejn jew firma elettronika kwalifikata (QES), liema firma elettronika kwalifikata tkun f'konformità mar-Regolament dwar is-Servizzi ta' Identifikazzjoni Elettronika u Fiduċjarji (eIDAS) ([9]).

Jekk l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati b'mod elettroniku u meta ċerti dokumenti jkollhom firem bl-idejn, l-applikant għandu jżomm u jipproduċi kwalunkwe oriġinal fuq talba tas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jibgħat dawk l-oriġinali fl-indirizz fiżiku li ġej:

President tal-Parlament Ewropew

Għall-attenzjoni tas- Sur Didier Klethi, Direttur Ġenerali tal-Finanzi
ADENAUER 04T003
L-2929 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

13. Meta, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 Lulju 2019, l-applikant jiġi mistieden mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega biex jissottometti d-dokumenti ġustifikattivi oriġinali jew kjarifiki fuq il-karta rigward l-applikazzjoni, l-applikant għandu juża l-indirizz fiżiku indikat skont it-taqsima E, il-punt 12. Dokumenti elettroniċi ffirmati bil-firma elettronika kwalifikata huma aċċettati wkoll, u għandhom jintbagħtu lill-indirizz elettroniku funzjonali: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu.

14. L-applikazzjonijiet li jitqiesu mhux kompluti jistgħu jiġu rrifjutati.

F. IL-KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT

F.1. Il-kriterji ta' esklużjoni

15. L-applikanti għandhom jiġu esklużi mill-proċedura ta' finanzjament jekk ikunu:

a) f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikoli 136(1) jew 141(1) tar-Regolament Finanzjarju;

b) irreġistrati bħala esklużi fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 142 tar-Regolament Finanzjarju;

c) soġġetti għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1) u fl-Artikolu 27(2)(a) il-punti (v), (vi) u (vii) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

F.2. Il-kriterji ta' eliġibbiltà

16. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni, l-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri li l-applikant:

a) jeħtieġlu jkun irreġistrat mal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej ([10]) ("l-Awtorità"), f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;

b) jeħtieġlu jkun affiljat ma' partit politiku Ewropew li jissodisfa l-kriterji kollha biex jingħata kontribuzzjoni lill-partiti politiċi Ewropej ([11]);

c) jeħtieġlu jikkonforma mal-obbligi elenkati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri jeħtieġlu jkun issottometta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ([12]), ir-rapport tal-awditjar estern u l-lista ta' donaturi u kontributuri, kif speċifikat hemmhekk.

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

([10]) Stabbilita skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1141/2014.

([11]) Skont it-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju.

([12]) Sakemm l-applikant ma jkunx soġġett għall-kontroll skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 (pereżempju: għadu kemm inħoloq, eċċ.).

F.3. **Il-kriterji tal-għażla**

17. Skont l-Artikolu 198 tar-Regolament Finanzjarju, "l-applikant għandu jkollu sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament għaż-żamma tal-attività tiegħu matul il-perijodu li għalih tingħata l-għotja u għandu jipparteċipa fil-finanzjament tagħha ('kapaċità finanzjarja'). L-applikant għandu jkollu l-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa biex ilesti l-azzjoni jew il-programm ta' ħidma proposti sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-att bażiku ('kapaċità operazzjonali')".

F.4 **Il-kriterji tad-deċiżjoni tal-għoti u d-distribuzzjoni tal-finanzjament**

18. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-approprjazzjonijiet disponibbli rispettivi għandhom jitqassmu kull sena. Dawn għandhom jitqassmu fost il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament ikunu ġew approvati fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' esklużjoni, abbażi tal-formula ta' distribuzzjoni li ġejja:

a) 10 % se jitqassmu f'ishma ndaqs fost il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej benefiċjarji;

b) 90 % se jitqassmu bejn il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej benefiċjarji bi proporzjon mas-sehem tagħhom ta' membri eletti fil-Parlament Ewropew fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji li l-applikanti jkunu affiljati magħhom.

G. **KONTROLL KONDIVIŻ MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-AWTORITÀ**

19. L-Artikolu 24(1) u (2) ([13]) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi kontroll kondiviż bejn il-Parlament Ewropew u l-Awtorità.

20. Fejn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità għandha l-kompetenza li tiċċekkja l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew se jibgħat l-applikazzjonijiet għal finanzjament lill-Awtorità.

21. Fl-istadji kollha tal-proċedura ta' għoti, l-applikanti jibqgħu meħtieġa mill-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li jipprovdu, fuq talba tal-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-Awtorità, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kontrolli li għalihom huma responsabbli. Dan jista' jinkludi b'mod partikolari dokumentazzjoni jew kjarifiki addizzjonali għall-applikazzjonijiet għal finanzjament, li għandhom jiġu ppreżentati fil-format speċifikat mill-Awtorità.

H. **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET**

22. L-applikanti huma obbligati li jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe bidla fir-rigward tad-dokumenti mressqa jew fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-applikazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn tali bidla. Fin-nuqqas ta' tali notifika, l-Uffiċjal Awtorizzanti jista' jiddeċiedi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, minkejja kwalunkwe informazzjoni pprovduta fi stadju iktar tard jew ippubblikata permezz ta' mezzi oħra.

23. Rigward il-kundizzjoni li applikant ikompli jissodisfa l-kriterji għall-finanzjament, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-applikant.

([13]) L-Artikoli 24(1) u (2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 – Regoli ġenerali dwar il-kontroll:

"1. Il-kontroll tal-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati, f'kooperazzjoni, mill-Awtorità, mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri kompetenti.

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, il-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (e) u (g) tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 9(5) u (6), u l-Artikoli 20, 21 u 22.

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tal-obbligi relatati mal-finanzjament mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament skont ir-Regolament Finanzjarju. Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni."

24. It-termini u l-kundizzjonijiet rigward il-finanzjament tal-Unjoni li għandu jingħata taħt din is-sejħa huma stabbiliti fl-Anness 1b tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019 u huma stipulati fil-ftehim ta' kontribuzzjoni. B'applikazzjoni tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 1141/2014, l-Artikoli 160(1) u (2) u l-Artikolu 205(2) tar-Regolament Finanzjarju, din is-sejħa tiċċara dawk it-termini u l-kundizzjonijiet kif ġej: in-nefqa li għandha tiġi koperta mill-finanzjament mogħti taħt din is-sejħa għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

    a. politika tal-persunal;

        i. il-kostijiet totali tal-persunal għandhom ikunu bbilanċjati b'mod raġonevoli meta mqabbla mal-kostijiet operazzjonali;

        ii. il-pjan tal-persunal huwa adattat għall-ħtiġijiet organizzattivi u operazzjonali;

        iii. id-deċiżjoni dwar ir-reklutaġġ u r-remunerazzjoni tittieħed mill-korpi governattivi xierqa, skont l-istatuti tal-benefiċjarju u r-regoli interni speċifiċi, abbażi tal-aħjar prattika u l-prinċipji ġenerali bħat-trasparenza, it-trattament ugwali, in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess;

        iv. ir-rati ta' remunerazzjoni u benefiċċji addizzjonali oħra (jekk ikun hemm) iqisu r-rati medji fis-suq tal-impjiegi rilevanti;

    b. proċeduri ta' akkwist għal kuntratti ta' aktar minn EUR 60 000 għal kull fornitur:

        i. l-istediniet bil-miktub għall-offerti (sejħa għall-offerti) irid ikun fihom fost l-oħrajn, kriterji ta' esklużjoni, kriterji tal-għażla (eż. kapaċità finanzjarja u teknika minima), kriterji tal-għoti (prezz u kwalità jew prezz biss) u speċifikazzjonijiet tekniċi (riżultati mistennija, eċċ.) li magħhom il-benefiċjarji jeħtiġilhom jivvalutaw l-offerti; is-sejħa għall-offerti trid tirrikjedi li l-offerenti jipprovdu offerti li jkunu datati, iffirmati u jinkludu prezzijiet għal kull unità (jekk applikabbli) u dokumenti ġustifikattivi oħra li jippermettu li l-offerti jitqabblu ma' xulxin;

        ii. is-sejħa għall-offerti trid tintbagħat/tiġi ppubblikata permezz ta' mezzi xierqa, sabiex tiġi żgurata disseminazzjoni adegwata u l-aktar kompetizzjoni wiesgħa possibbli; iridu jistabbilixxu skadenzi raġonevoli (idealment mill-inqas għaxart ijiem) għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet/offerti u jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess;

        iii. l-evalwazzjoni tal-offerti trid tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-offerti; ir-rapport ta' evalwazzjoni jrid jenfasizza l-vantaġġi komparattivi tal-offerta magħżula f'konformità ma' dawk il-kriterji; irid jiġi ffirmat u ddatat mir-rappreżentant(i) tal-benefiċjarju fil-proċedura biex tiġi evitata kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess;

        iv. il-kuntratti jridu jiġu ffirmati u datati miż-żewġ partijiet u jkun fihom l-istess termini bħal fl-offerta; it-tul ta' żmien jista' jinkludi estensjonijiet possibbli, iżda huwa limitat għal total ta' 5 snin;

        v. il-qsim artifiċjali tal-kuntratti ma għandux jintuża sabiex jiġu evitati r-regoli dwar l-akkwist;

        vi. is-sottokuntrattar għandu jinżamm baxx kemm jista' jkun u l-ammonti fatturati mis-sottokuntrattur iridu jibqgħu trasparenti.

25. Kull applikant għandu jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 24 ta' hawn fuq, billi jiffirma l-formola ta' dikjarazzjoni, li hija annessa ma' din is-sejħa.

I. **SKEDA TA' ŻMIEN**

26. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament hija t-30 ta' Settembru 2023.

27. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal proposti. Wara dik id-deċiżjoni, id-deċiżjonijiet individwali ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew jiġu nnotifikati lill-applikanti.

28. Huwa mistenni li f'Jannar 2024 l-applikanti magħżula jirċievu l-abbozz tal-ftehim ta' għotja għall-iffirmar tiegħu. Il-ftehim ta' għotja jista' jiġi ffirmat b'firma elettronika kwalifikata (QES) fuq talba. Wara l-iffirmar tal-ftehim, il-ħlas tal-prefinanzjament għandu jsir f'konformità mal-iskeda stabbilita fl-Artikolu I.5. tiegħu.

J. **ŻVELAR U PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI**

29. Il-Parlament Ewropew u l-Awtorità għandhom jippubblikaw, inkluż fuq l-internet, informazzjoni skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

30. Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din is-sejħa għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([14]) u skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

31. Tali data għandha tkun ipproċessata għall-fini ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament u ta' salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' din id-data lill-korpi responsabbli għat-twettiq ta' kompiti ta' verifika u awditjar f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, bħas-servizzi tal-awditjar intern tal-Parlament Ewropew, l-Awtorità, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

32. Abbażi ta' talba bil-miktub, kwalunkwe persuna fiżika relatata mal-benefiċjarju tista' tikseb aċċess għad-data personali tagħha u tikkoreġi kwalunkwe data żbaljata jew mhux kompluta. It-talba li tirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tista' tiġi mressqa lid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew jew lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew. Il-persuna kkonċernata tista', f'kull ħin, tilmenta mal-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data dwar dak li jirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tagħha.

33. Id-data personali tista' tiġi reġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni Bikrija mill-Parlament Ewropew, jekk il-benefiċjarju jkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament Finanzjarju.

K. INFORMAZZJONI OĦRA

34. Kwalunkwe mistoqsija relatata ma' din is-sejħa għandha tintbagħat b'email, filwaqt li tiġi kkwotata r-referenza tal-pubblikazzjoni, lill-indirizz elettroniku funzjonali li ġej: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu

35. Il-leġiżlazzjoni bażika speċifikata fil-paragrafu 6(b) ta' din is-sejħa u l-formola ta' applikazzjoni għal finanzjament annessi ma' din is-sejħa huma disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Parlament Ewropew (http://www.europarl.europa.eu/tenders/invitations.htm).

([14]) ĠU L 295, 21.11.2018, p 39.

ANNESS I

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT

GĦOTJIET [1] LILL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ

GĦAS-SENA FINANZJARJA [DAĦĦAL IS-SENA]

[daħħal isem l-applikant], rappreżentat legalment minn [daħħal l-isem/l-ismijiet tar-rappreżentant(i)] b'dan japplika għall-finanzjament għas-sena finanzjarja 2024 skont is-sejħa Nru IX-2024/02 għal ammont ta' [daħħal l-ammont], u jiċċertifika li d-dokumenti li ġejjin huma pprovduti mal-applikazzjoni.

Numru tad-dokument	Dokumenti li jridu jiġu pprovduti
1.	Ittra ta' rappreżentant(i) legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali f'isem l-applikant
2.	Lista tal-persuni li jkollhom poteri ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuq l-organizzazzjoni applikanti, bħall-President, membri tal-Bord, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier [2]
3.	Prova ta' reġistrazzjoni mill-Awtorità fid-data tal-applikazzjoni għall-finanzjament (unikament għall-applikanti li d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni għadha mhix disponibbli pubblikament għalihom, jiġifieri għadha ma ġietx ippubblikata fuq is-sit web tal-Awtorità jew f'Il-Ġurnal Uffiċjali)
4.	Programm ta' ħidma
5.	Unikament fil-każ ta' applikant ġdid li ma setax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014: id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati l-aktar riċenti, imħejjija minn kontabilista professjonali
6.	Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja (unikament fil-każ ta' applikant ġdid, jew fil-każ ta' bidliet fl-isem, l-indirizz jew il-kont bankarju)
7.	Dikjarazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali u dwar il-kriterji ta' esklużjoni
8.	Stima tal-baġit (bilanċjat)
9.	Dikjarazzjoni li l-applikazzjoni tressqet permezz ta' partit politiku Ewropew affiljat

Data u Post: Firma/Firem:

[1] Il-kategorija tal-finanzjament hija l-għotja operazzjonali, skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).
[2] Pereżempju b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istatuti tal-applikant, fejn applikabbli.

ANNESS II

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT

ENTITÀ ĠURIDIKA - FORMOLA TA' IDENTIFIKAZZJONI FINANZJARJA
KUMPANIJA PRIVATA

Titolu / ENTITÀ ĠURIDIKA

ISEM (ISMIJIET)

ABBREVJAZZJONI

INDIRIZZ Triq

Numru Kodiċi postali

Belt / Raħal Pajjiż

Nru tal-VAT

POST TA' REĠISTRAZZJONI

DATA TA' REĠISTRAZZJONI / /

NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI

TELEFON FAKS

EMAIL

Din l-informazzjoni trid tkun akkumpanjata minn kopja ta' kwalunkwe dokument uffiċjali li jindika l-isem tal-entità ġuridika, l-indirizz ta' reġistrazzjoni, in-numru tal-VAT u n-numru ta' reġistrazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali.

L-ISEM TAL-KONT BANKARJU

ISEM TAL-KONT
(L-isem li ntuża meta nfetaħ il-kont)

INDIRIZZ Triq

Numru Kodiċi postali

Belt / Raħal Pajjiż

BANK

IBAN

(Obbligatorju. iekk il-kodiċi IBAN ieżisti fil-pajjiż li fih il-bank tiegħek huwa stabbilit)

KODIĊI SWIFT (BIC) MUNITA

KONT BANKARJU
(Format nazzjonali)

ISEM IL-BANK

INDIRIZZ Triq

Numru Kodiċi postali

Belt / Raħal Pajjiż

Timbru tal-Bank + Firma tar-Rappreżentant tal-Bank:	Data + Firma tad-Detentur tal-Kont (Obbligatorji)

* Ikun jaqbel jekk tehmeż kopja ta' rendikont bankarju reċenti. Nitolbuk tinnota li r-rendikont bankarju jrid jipprovdi l-informazzjoni kollha elenkata hawn fuq taħt "L-ISEM TAL-KONT BANKARJU" u "BANK". F'dan il-każ, it-timbru tal-bank u l-firma tar-rappreżentant tiegħu ma jkunux meħtieġa. Il-firma tad-detentur tal-kont trid tkun hemm f'kull każ.

ANNESS III

DIKJARAZZJONI DWAR IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI U DWAR IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

Jiena/Aħna, hawn taħt iffirmat(i), ir-rappreżentant(i) legali ta' [daħħal l-isem tal-applikant] niċċertifika(w) li:

— qrajt/qrajna l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sejħa IX-2024/02 kif ukoll it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali kif stipulat fil-mudell tal-ftehim ta' għotja, u naqbel/naqblu magħhom,

— l-applikant ma jinsabx f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Ir-Regolament Finanzjarju") [1],

— l-applikant mhux suġġett għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

— l-applikant jimpenja ruħu li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna,

— l-applikant ma jidħolx f'relazzjoni kuntrattwali ma' entitajiet (inklużi s-sottokuntratturi tagħhom) li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet speċifikati fil-punti 2, 3 u 4,

— l-organizzazzjoni applikanti għandha l-kapaċità finanzjarja u l-kapaċità organizzattiva biex timplimenta l-ftehim ta' għotja,

— l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni kif ukoll fl-annessi tagħha hija preċiża u ebda informazzjoni, kollha jew parti minnha, ma nżammet moħbija mill-Parlament Ewropew.

Firma/Firem awtorizzata/awtorizzati:

Isem/Ismijiet u Funzjoni(jiet) Post/Data Firma/Firem

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2] ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

ANNESS IV

FORMOLA TAL-BAĠIT STMAT

SPEJJEŻ				
			2024 Baġit	2024 Reali
A. SPEJJEŻ ELIĠIBBLI	**A.1.**	**Spejjeż tal-persunal**	**0,00**	**0,00**
	A.1.1.	Salarji u ekwivalenti [1]		
	A.1.2.	Kontribuzzjonijiet		
	A.1.3.	Taħriġ professjonali		
	A.1.4.	Spejjeż tal-missjonijiet tal-persunal		
	A.1.5.	Spejjeż oħra tal-persunal		
	A.2.	**Spejjeż tal-infrastruttura u tal-operat**	**0,00**	**0,00**
	A.2.1.	Kera, imposti u spejjeż tal-manutenzjoni		
	A.2.2.	Spejjeż relatati mal-installazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-apparat		
	A.2.3.	Deprezzament ta' proprjetà mobbli u immobbli		
	A.2.4.	Kartolerija u provvisti tal-uffiċċju		
	A.2.5.	Imposti tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet		
	A.2.6.	Spejjeż għall-istampar, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni		
	A.2.7.	Spejjeż oħra tal-infrastruttura		
	A.3.	**Spejjeż amministrattivi**	**0,00**	**0,00**
	A.3.1.	Spejjeż ta' dokumentazzjoni (ġurnali, aġenziji tal-istampa, bażijiet tad-data)		
	A.3.2.	Spejjeż ta' studji u ta' riċerka		
	A.3.3.	Spejjeż legali		
	A.3.4.	Spejjeż ta' kontabbiltà u awditjar		
	A.3.5.	Spejjeż amministrattivi mixxellanji		
	A.3.6.	Appoġġ lil partijiet terzi		
	A.4.	**Spejjeż ta' laqgħat u ta' rappreżentanza**	**0,00**	**0,00**
	A.4.1.	Spejjeż ta' laqgħat		
	A.4.2.	Parteċipazzjoni f'seminars u konferenzi		
	A.4.3.	Spejjeż ta' rappreżentanza		
	A.4.4.	Spejjeż ta' stediniet		
	A.4.5.	Spejjeż oħra relatati ma' laqgħat		
	A.5.	**Spejjeż marbuta ma' informazzjoni u pubblikazzjoni**	**0,00**	**0,00**
	A.5.1.	Spejjeż tal-pubblikazzjoni		
	A.5.2.	Ħolqien u tħaddim ta' siti tal-internet		
	A.5.3.	Spejjeż ta' pubbliċità		
	A.5.4.	Tagħmir tal-komunikazzjoni ("gadgets")		
	A.5.5.	Seminars u wirjiet		
	A.5.6.	Spejjeż oħra relatati mal-informazzjoni		
	A.6.	**Allokazzjoni tal-"Proviżjoni biex tkopri l-ispejjeż eliġibbli li jsiru fl-ewwel kwart tas-sena N+1"**		
		SPEJJEŻ ELIĠIBBLI TOTALI	**0,00**	**0,00**
B. SPEJJEŻ INELIĠIBBLI	**B.1.**	**Allokazzjonijiet għal proviżjonijiet oħra**		
	B.2.	**Ħlasijiet finanzjarji**		
	B.3.	**Telf mill-kambju**		
	B.4.	**Pretensjonijiet dubjuż fuq partijiet terzi**		
	B.5.	**Oħrajn (iridu jkunu speċifikati)**		
	B.6.	**Kontribuzzjonijiet in natura**		
		SPEJJEŻ INELIĠIBBLI TOTALI	**0,00**	**0,00**
C.	**SPEJJEŻ TOTALI**		**0,00**	**0,00**

DĦUL				
			2024 Baġit	2024 Reali
D. FINANZJAMENT TAL-PE	**D.1.**	**Finanzjament tal-Parlament Ewropew**	**0,00**	**0,00**
	D.1.1.	Allokazzjoni tal-Proviżjoni minn N-1 biex tkopri l-ispejjeż eliġibbli li jsiru fl-ewwel kwart tas-sena N		
	D.1.2.	Finanzjament tal-Parlament Ewropew mitlub (proviżorju) / mogħti (reali) fis-sena N		
E. RIŻORSI PROPRJI	**E.1.**	**Kontribuzzjonijiet tal-membri**	**0,00**	**0,00**
	E.1.1.	mill-organizzazzjonijet tal-membri		
	E.1.2.	mill-membri individwi		
	E.2.	**Donazzjonijiet**	**0,00**	**0,00**
		(iridu jiġu speċifikati)		
	E.3.	**Riżorsi proprji oħra**	**0,00**	**0,00**
		(iridu jiġu speċifikati)		
	E.4.	**Imgħax mill-prefinanzjament**		
	E.5.	**Kontribuzzjonijiet in natura**		
		Riżorsi proprji totali	**0,00**	**0,00**
F.	**DĦUL TOTALI**		**0,00**	**0,00**

G.	**FINANZJAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW UŻAT BIEX IKOPRI 95% TAL-ISPEJJEŻ ELIĠIBBLI FIS-SENA N**	**0,00**	**0,00**
H.	**PROFITT / TELF (għal baġit proviżorju: juri bilanċ, għal reali: juri surplus ta' riżorsi proprji)**	**0,00**	**0,00**
I.	**ALLOKAZZJONI TA' RIŻORSI PROPRJI GĦALL-KONT TA' RIŻERVA**		
J.	**PROFITT/TELF BIEX TIĠI VVERIFIKATA IL-KONFORMITÀ MAR_REGOLA TA' EBDA PROFITT (H-I)**	**0,00**	**0,00**

[1] eż. tariffi, spejjeż ta' persunal permanenti b'kuntratt ta' servizz, spejjeż onorarji għall-persunal permanenti (korpi ta' governanza) ...

ANNESS V

DIKJARAZZJONI LI L-APPLIKAZZJONI TRESSQET PERMEZZ TA' PARTIT POLITIKU EWROPEW AFFILJAT

Jiena/Aħna, hawn taħt iffirmat(i), ir-rappreżentant(i) legali ta' [daħħal l-isem tal-partit], niddikjara(w) li, skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-applikazzjoni preżenti għall-finanzjament ta' [daħħal l-isem tal-applikant] għas-sena finanzjarja 2021 hija mressqa permezz tal-partit politiku Ewropew affiljat tiegħu [daħħal l-isem tal-partit politiku Ewropew affiljat].

Firma/Firem awtorizzata/awtorizzati:

Isem/Ismijiet u Funzjoni(jiet)	Post/Data	Firma/Firem